MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Numru. 397/2001

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
vs
Patrick Buttigieg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Patrick Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita Nru 282046M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Lulju 1997, f'dawn il-Gzejjer

1. Iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe il-firma ta' Pauline Buttigieg, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta'  Artikolu 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra foloz, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta’ Artikolu 169 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe il-firma ta’ Pauline Buttigieg, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur ta’ Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe’ il-firma ta’ Pauline Buttigieg u dan bi ksur ta’ Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata u cioe il-firma ta’ Pauline Buttigieg, li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u kif ukoll xjentement ghamel uzu minnha u dan bi ksur ta Artikolu 187 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti sommarjament;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi certa Carmen Borg kienet irrappurtat lill-pulizija f'Awissu tas-sena 2000 li huha, l-imputat Patrick Buttigieg kien iffalsifika l-firma ta' ommha meta ommha kienet diga mejta u dana sabiex seta' jigbed somma ta' flus minn bank esteru. Skond Carmen Borg dan il-kaz gara fl-1997 u ommha kienet mietet fl-1994. Carmen Borg kompliet tghid lill-pulizija li kien hemm somma ta' flus f'bank esteru li kellha tinqasam, kienet giet moghtija lilhom minn ommhom bhala werrieta. Sabiex tingibed is-somma ta' flus in kwistjoni ried ikun hemm tlett firem, jigifieri l-ahwa kollha inkluz Pauline Borg. Carmen Borg qalet lill-pulizija illi kemm hi u kif ukoll hutha kienu hadu s-sehem taghhom minn dawn il-flus, pero' l-imputat ma kienx ha sehemu. Fil-frattemp kienet inbdiet kawza civili bejnha u l-imputat u hi kienet irrifjutat li tiffirmalu sabiex ikun jista jigbed sehemu. Fl-1997 l-imputat kiteb ittra lill-bank sabiex ikun jista jiehu sehemu u inkluda l-isem ta' ommu Pauline Buttigieg li dak iz-zmien kienet mejta u skond hi huwa ghamel il-firma ta' ommu biex seta' ha dawn il-flus, illi fl-ahhar mill-ahhar kienu flusu. Carmen Borg qalet lill-pulizija li hija ma kienet sostniet l-ebda danni, l-ebda telf finanzjarju. Il-pulizija talbuha iggib kopja awtentika ta' l-ittra bil-firem. Hi naqset milli taghmel dan. Il-pulizija arrestaw lill-imputat illi irrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien ghamel il-firma ta' ommu meta ommu kienet diga mejta u b'hekk allura kien iffalsifika il-firma ta' ommu. L-imputat qal lill-pulizija li kien hemm somma ta' flus li kellha tinqasam bejn l-ahwa, kien talab lil ohtu biex tiffirmalu biex jiehu sehemu, kien hemm argument civili bejniethom, ohtu irrifjutat li tiffirmalu u allura sabiex jiehu flusu kellu bil-fors, skond hu, jiffalsifika l-firma ta' ommu. Il-pulizija ressqet lill-imputat il-Qorti u akkuzatu bl-imputazzjonijiet odjerni peress li huwa kien irregistra ammissjoni fl-istqarrija tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi dwar l-ewwel erba' imputazzjonijiet l-istess Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha qalet li ma kienitx ser tinsisti dwar dawn l-ewwel erba' imputazzjonijiet li

effettivament ma jistghux jirrizultaw fil-konfront tal-imputat peress illi dawn l-erba' imputazzjonijiet isemmu bank jew stabbiliment pubbliku tal-Gvern jew imwaqqaf mill-Gvern, li certament mhuwiex il-kaz in kwistjoni peress illi fil-kaz odjern si tratta ta' bank esteru. L-imputazzjonijiet jirrigwardaw ukoll falsifikazzjoni fi strument awtentiku u pubbliku jew f'dokument kummercjali jew f'dokument ta' bank privat li ukoll certament mhux il-kaz in kwistjoni peress illi dak illi gara fil-kaz odjern kien illi l-imputat iffalsifika l-firma ta' ommu fuq ittra.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mill-ewwel erba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, qeghda issibu pero' hati tal-hames imputazzjoni u dana wara illi rat l-Artikolu 187 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi kien l-istess imputat illi fl-istqarrija tieghu ammetta illi iffalsifika l-firma ta' ommu fuq ittra illi umbaghad baghatha f'bank esteru sabiex ikun jista jigbed flus appartenenti lilu u ghaldaqstant irrizultaw l-elementi kollha ikkontemplati mill-Ligi sabiex jigi ippruvat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 187 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi oht l-imputat ma rieditx tixhed fil-Qorti la favur u lanqas kontra l-imputat. Ikkunsidrat ukoll l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta, hlief ghal xi kontravvenzjonijiet ta' traffiku u illum il-gurnata l-kwistjoni giet rizolta u l-imputat effettivament ha l-flus fil-bank esteru wara li kienet l-istess ohtu illi iffirmatlu.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi oht l-imputat qatt ma sofriet ebda danni materjali f'dan l-incident. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spejgat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------